Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 403 / 2017

Il-Pulizja

Spettur Robert Said Sarreo

Vs

Roderick Grima

Illum 28 ta' Frar, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Roderick Grima detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 136688 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

matul ix-xahar ta' Dicembru, 2009, gewwa Sqaq San Felic, Zejtun;

1. ikkommetta serq ta' mutur tat-tip Yamaha 80 bin-numru ta' registrazzjoni FAO 179, propjeta` ta' Alan Caruana liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur li jeccedi il-232.94 Euro (Lm100) izda mhux aktar minn 2329.4 Euro;
2. matul ix-xahar ta' Dicembru tas-sena 2009, gewwa dawn il-gzejjer, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamel hsara fuq numru tar-registrazzjoni ta' vettura bin-numru FAO 179, liema hsarat ma jeccedux il-116.47 Euro (hamsin lira Maltin) ghad-dannu ta' Alan Caruana, u / jew persuni ohra;
3. nhar id-9 ta' Jannar 2010 u fil-granet ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer, minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b' xi mod li

jkun, baghbas, nehha, biddel jew ghamel numru tal-identifikazzjoni ta' chassis jew makna ta', jew fuq, vettura bil-mutur u cioe` fuq il-mutur bin-numru tar-registrazzjoni FAO 179;

4. nhar id-9 ta' Jannar, 2010 u fil-granet ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer kien qed jaghmel uzu minn vettura (mutur) b' numru tar-registrazzjoni FAO 179, minghajr ma kien kopert b' polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ghal terzi persuni;
5. nhar id-9 ta' Jannar, 2010 u fil-granet ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer, saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew awtorita' dwar it-transport, jew minghajr licenzja specifikata ghall-imsemmija vettura;
6. nhar id-9 ta' Jannar, 2010 u fil-granet ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer ghamel uzu minn numru ta' identifikazzjoni xort' ohra jew falz minn dak mahrug mill-Kummissarju tal-Pulizija jew awtorita dwar it-transport dwar xi vetturi bil-muturi, cioe` wahhal marka tar-registrazzjoni falza bin-numru FBP 643;
7. nhar id-9 ta' Jannar, 2010 u fil-granet ta' qabel f' dawn il-gzejjer saq l-imsemmija vettura minghajr ma kien licenzjat mill-Pulizija jew l-awtorita' dwar it-trasport biex tintuza fit-triq.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f' kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita' skont il-ligi, joghgobha tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar id-9 ta' Gunju, 2015, fejn il-Qorti rat illi l-imputat irregistra ammissjoni tal-akkuzi kollha fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Gunju, 2012, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u fejn il-Qorti nnominat Probation Officer sabiex ihejji pre-sentencing report, ipprezentat fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru, 2012 fejn inter alia l-probation officer Saviour Lia rrakkomanda illi l-imputat ikollu sentenza fil-komunita` ghalkemm irrikonoxxa l-fatt illi l-imputat sabha difficli ferm sabiex joqghod ma' kundizzjonijiet stretti.

Illi madanakollu din il-Qorti, tenut kont tal-eta' tieghu u l-fatt li tqisu bhala persuna vulnerabbli u li ghandha bzonn l-ghajnuna l-Qorti, filwaqt li sabithu hati tal-akkuzi kollha wara li rat l-Artikolu 267 u 325 (1) tal-Kap. 9, l-Artikolu 15 (1) (a) tal-Kap. 65 u l-Artikolu 3 (1) tal-Kap. 104, ikkundannatu ghal probation order a bazi tal-Art 18 tal-Kap 446 ghal sentejn (2) kif ukoll ghal xoghol fil-kommunita' ghal hamsin (50) siegha.

Il-Qorti ordnat wkoll li tul dan il-perjodu, l-imputat ghandu jsegwi programm kontra d-dipendenza fuq id-droga.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u ordnat li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

Rat in-nota tad-denunzja tal-probation ppresentata fid-19 ta' Jannar, 2017 fil-konfront ta' Roderick Grima.

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati, tad-9 t' Ottubru, 2017, fejn il-Qorti, sabet lid-denunzjat Roderick Grima hati taht l-Artikolu 21 (2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u minflok infliggit piena, ikkundannat lid-denunzjat ghall-piena applikabbli fuq l-akkuzi li kien gie akkuzat bihom u ghalhekk wara li rat l-Artikoli 17, 267, 279 (a), 280 u 325 (1) (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannatu piena ta' prigunerija ghal ghaxar (10) xhur flirnkien ma' sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena dekorribbli minn nofs il-lejl ta' ghada filghodu.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Roderick Grima, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 t' Ottubru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli thassar u tirrevoka dik il-parti tad-digriet fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-appellant ghal 10 xhur effettivi ta' habs u dan taht kull provvediment illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u

kull piena ohra mhux karcerarja li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha illi huma iodnei fic-cirkostanzi tal-kaz forsthom li l-appellant jigilu estiz l-ordni ta' probation u / jew jinghata ordni ta' trattament fil-kommunita' u / jew jaghmel xoghol fil-kommunita'.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-appellant hassu aggravat bid-digriet in kwistjoni u qed jinterponi dan l-umli appell. L-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1. L-appellant ma kellux jinghata digriet ta' habs effettiv meta kif jidher mill-atti tal-kawza u anki kif stqarret l-istess Qorti l-appellant kien meqjus bhala bniedem vulnerabbli u ghaldaqstant din il-piena kienet wahda eecessiva. Il-Psikjatra Maria Axiaq ikkonkludiet li hu jbati minn disturb mentali minhabba l-vizzju tad-droga. Qieset ukoll li hu ghandu limitazzjonijiet mentali ukoll. Qalet ukoll li kien qed ibati minn dipressjoni u nuqqas ta' rqad u anki qed jigi bullied minn habsin ohra filwaqt illi kien il-habs. Ordni ta' trattament fil-kommunita' w'jew xoghol fil-kommunita kienu jkunu aktar idonei ghac-cirkostanzi tal-kaz in kwistjoni.

Ikkunsidrat,

Illi preliminarjament l-Avukat Generali jissolleva il-pregudizzjali dwar in-nullita tar-rikors ta'l-appell u dan meta qed jintalab mill-appellanti ir-revoka tad-decizjoni tal-Qorti meta fil-fatt qed tintalab biss ir-riforma fil-piena inflitta.

Illi t-talba fir-rikors ta'l-appell hija impustata bil-mod segwenti:

*"Ghaldaqstant u in vista tas-suespost l-appellant umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti li thassar u tirrevoka dik l-parti tad-digriet fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-appellant ghal 10 xhur effettivi ta' habs u dan taht kull provvediment illi dina l-Onorabbli Qorti jidhirilha xierqa u kull piena ohra mhux karcerarja li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha illi huma idonei fic-cirkostanzi tal-kaz fosthom li l-appellanti jigi lilu estiz l-ordni ta' probation u/jew jinghata ordni ta' trattament fil-komunita u jew jaghmel xoghol fil-komunita."*

Illi miz-zmien meta l-Avukat Generali issolleva dina l-pregudizzjali dwar in-nullita ta' talba kif impustata mil-appellanti fir-rikors tieghu ta'l-appell, dahhlet fis-sehh emenda ghal Kodici Kriminali permezz ta'l-Att 1 tal-2018 li permezz ta'l-artikolu 22(5)(ii) tieghu gab is-sostituzzjoni ta'l-artikolu 520(1)(c) fejn b'zieda mal-artikoli tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili li kienu indikati fl-imsemmija disposizzjoni tal-ligi gie rez applikabbli ukoll ghal qrati tal-gustizzja kriminali l-artikolu 143(4)(5) u (6) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi din id-disposizzjoni tal-ligi li titkellem dwar x'ghandu jkun fih ir-rikors ta'l-appell, tipprovdi illi:

*"(4) Fil-każijiet imsemmija f'dan l-artikolu talba għal tħassir għandha titqies li tinkludi talba għal annullament u tibdil tas-sentenza jew tad-digriet, u talba għal annullament għandha titqies li tinkludi talba għal tħassir u tibdil tas-sentenza jew tad-digriet.*
*(5) In-nuqqas ta' tħaris ta' dak li hu meħtieġ skont is-subartikolu (1), (2) u (3), ma jagħmilx null ir-rikors; iżda, f'kull każ bħal dan, il-qorti tordna b'digriet lill-appellant biex jippreżenta, fi żmien jumejn, nota li jkun fiha l-partikolaritajiet meħtieġa mil-liġi u li ma jkunux inġiebu regolarment fir-rikors."*

Illi allura huwa indubitat illi t-talba kontenuta fir-rikors ta'l-appell, fid-dawl ta' dawn l-emendi il-godda ma igibx il-konsegwenzjali nullita ta'l-appell. Illi di piu' minn qari ta' dak li qed jintalab mil-appellanti huwa evidenti illi qed jintalab it-thassir tad-decizjoni tal-Ewwel Qorti fejn din ikkonvertiet l-Ordni tal-Probation moghtija fil-konfront ta'l-appellanti f'piena ta' prigunerija effettiva, u fin-nuqqas illi

din il-Qorti ma tilqax tali talba, l-appellanti qieghed jitlob illi l-piena erogata tigi varjata fis-sens illi ghandu jinhareg Ordni ta' trattament jew Ordni ta' servizz fil-Komunita' minflok dik il-piena karcerarja imposta mil-Ewwel Qorti. Ghal dawn il-motivi din il-pregudizzjali qed tigi michuda.

Illi kif inghad l-aggravvju ta'l-appellanti huwa marbut mal-piena li giet erogata mil-Ewwel Qorti ta 10 xhur prigunerija. Illi l-Ewwel Qorti wasslet ghad-decizjoni taghha wara li l-appellanti gie iddenunzjat mil-Ufficjal tal-Probation li kienet qed issegwieh u dana wara sentenza moghtija fil-konfront tieghu mil-Ewwel Qorti fil-15 ta' April 2013 fejn huwa tqieghed taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn u ta' servizz fil-Komunita ghal hamsin siegha. Izda ghalkemm jidher illi ghall-ewwel l-andament tal-appellanti kien wiehed pozittiv, madanakollu fid-19 ta' Jannar 2015 huwa gie iddenunjzat billi ma baqax izomm kuntatt mal-Ufficjal tal-Probation u ma kienx qed jindirizza l-problema tieghu tal-vizzju tad-droga. Illi b'decizjoni datata 19 ta' Dicembru 2016, l-Ewwel Qorti regghet tat opportunita' ohra lill-appellanti sabiex jirriforma hajjtu ghalhekk l-Ordni ta' Probation imposta fuqu reggghet bdiet tiddekorri mil-gdid, b'zieda ma' liema ordni l-Ewwel Qorti ordnat il-hrug ta' Ordni ta' trattament ai termini ta'l-artikolu 412D tal-Kap.9. u dan kollu ghal perjodu iehor ta' sentejn.

Dan r-ragg ta' tama fil-hajja ta'l-appellanti, madanakollu, ma damx jiddi fit-tul billi fl-10 ta' April 2017, l-Ufficjal tal-Probation li kienet qed issegwi lill-appellanti regghet iddenunzjatu billi huwa rega' ma kienx qed izomm kuntatt maghha u ma kienx qed juri interess biex jeghleb il-vizzju tieghu tad-droga. Lanqas l-appuntament mal-konsulent psikjatrika Dr. Maria Axiaq ma kienu qed jigu segwieti fit-termini ta'l-Ordni ta' Trattament mahruga fil-konfront tieghu. Jidher illi f'dan il-perijodu ta' zmien huwa sahansitra spicca *homeless,* u anke beda jittallab fit-toroq tal-Belt. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellanti ghal piena karcerarja ta' ghaxar xhur.

Issa din il-Qorti kellha okkazzjoni terga' tisma lill-Ufficjal tal-Probation tixhed quddiemha li qalet hekk dwar l-agir tal-appellanti:

***"… jiena nsegwi lil Roderick Grima fuq Ordni ta' Probation u Ordni ta' Trattament li nghataw fit-19 ta' Dicembru 2016 pero' meta nghatat din l-ordni hu kien qed jinzamm gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin fuq sentenza. Saritlu zjara hemmhekk imbaghad sussegwentement meta hareg fil-bidu ta' Jannar bdew jinghataw l-appuntamenti. Huwa attenda biss tliet appuntamenti minn ghaxra li nghatawlu. F'dawn l-appuntamenti gie nnotat li huwa ghandu problema kbira tad-droga, infatti Roderick ilu f'kuntatt mad-dipartiment mill-2010 jigifieri nafu qabel ma kont insegwieh jiena. Gie referut ghas-servizzi tas-Sedqa pero' mar biss darba imbaghad ma regghax ghamel kuntatt. Rigward l-Ordni ta' Trattament gie referut ghand Dr.Axiaq pero' naqas milli jmur ukoll u saret id-denunzja f'April. Il-gimgha l-ohra jiena cempiltlu biex immur narah gewwa l-habs ghaliex qed jinzamm hemmhekk taht arrest ghaliex fetah xi kazijiet ohra, mort narah nhar it-Tnejn pero' qaluli li mar il-Forensic minhabba xi kaz ta' bullying. Cempiltlu iktar tard u l-kliem tieghu kien li m'ghandux mohhi, ma jridx jaghmel il-programm u mhux interessat li jindirizza l-problema tieghu."***

L-ikbar problema li tippreokkupa kemmxejn lil din il-Qorti, bhal l-Ewwel Qorti qabilha, tinsab fil-fatt illi l-appellanti jidher illi ma huwiex qed juri interess illi jindirizza din il-problema u lanqas ma jidher illi qed japprezza l-konsegwenzi ta' dan ir-rifjut li jaccetta illi d-droga issa hadet is-soppravvent f'hajjtu. Illi rinfaccjata b'dan l-istat ta' fatt din il-Qorti tqies illi l-Ewwel Qorti, li ghamlet l-almu kollu taghha biex tghin lill-appellanti ma kellhiex triq ohra hlief illi sabiex tghin lill-appellanti tordna li huwa jinzamm ghal perijodu ta' zmien inkarcerat fejn allura jkun jista' jibbenfika mill-ghajnuna li tinghata fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin lil dawk il-persuni li jkunu afflitti mill-problema tad-droga.

Din l-Qorti ghalhekk ma tara xejn x'ticcensura fid-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti. Dan ghaliex jidher illi jekk id-decizjoni dwar il-bzonn ghar-rijabilitazzjoni tieghu tithalla

fil-gudizzju liberu ta'l-appellanti, kif sehh meta huwa inghata l-opportunita darbtejn biex jirriforma hajjtu bl-ghajnuna kollha li kellu bzonn minflok piena restrittiv tal-liberta, huwa jippersisti xortawahda ighix hajja kaotika, kif fil-fatt ghamel tant illi anke rega tressaq il-Qorti akkuzati b'reati kriminali.

Il-Qorti tittama illi jekk l-appellanti jkun inkarcerat u mizmum ghalhekk taht supervizjoni kontinwa, forsi jkun hemm cans ikbar li jindirizza il-problema li ghandu b'iktar serjeta milli kien qed jaghmel meta baqa' igawdi il-liberta'. Illi l-gustizzja restorattiva ma tfissirx biss illi persuna tinzamm 'il boghod mid-detenzjoni, ghaliex f'certu cirkostanzi d-detenzjoni tista' tissarraf f'riforma iktar milli piena ohra alternattiva ghaliha.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti ikkonfermata.

(ft)Edwina Grima LL.D

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur